**A.L. 48 ta' l-2007**

## ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

### Regolamenti ta' l-2007 dwar l-Involviment ta' Impjegati (Għaqda Kooperattiva Ewropea)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 48 ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi għamel ir-regolamenti li ġejjin –

**1**. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 dwar l-Involviment ta' Impjegati (Għaqda Kooperattiva Ewropea). Titolu u skop.

(2) Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu l-arranġamenti għall-involviment ta' impjegati fl-affarijiet ta' l-Għaqdiet Kooperattivi Ewropej (hawn izjed 'il quddiem imsejħin SCEs), kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 1435/2003, biex hekk jagħtu seħħ lid-disposizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/72/KE tat-22 ta' Lulju 2003 li tissupplimenta l-Istatut għal Għaqda Kooperattiva Ewropea fir-rigward ta' l-involviment ta' impjegati.

**2**. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti: Definizzjonijiet.

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali; Kap. 452.

"entitajiet legali parteċipanti" tfisser kumpaniji u ditti fl-ambitu tat-tifsira tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 48 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, inklużi kooperattivi, u wkoll korpi legali iffurmati taħt il-Liġijiet ta' Malta li jipparteċipaw direttament fit-twaqqif ta' l-SCE;

"impjegat Malti" tfisser impjegat ta' intrapriża stabbilita f'Malta;

"informazzjoni" tfisser l-infurmar tal-korp rappreżentattiv ta' l-impjegati jew tar-rappreżentanti ta' l-impjegati, jew tat-tnejn, mill-organu kompetenti ta' l-SCE fuq materji li jinvolvu l-SCE

nnifisha jew lil xi waħda mis-sussidjarji jew mill-istabbilimenti tagħha li qegħdin fi Stat Membru ieħor jew li jmorru lilhinn mis-setgħat ta' l-organi li jieħdu d-deċiżjonijiet fi Stat Membru singolu fi żmien, b'mod u b'kontenut li jippermetti lir-rappreżentanti ta' l-impjegati li jidħlu għal valutazzjoni fil-fond ta' l-impatt possibbli u, skond ma jkun adatt, iħejju konsultazzjonijiet ma' l-organi kompetenti ta' l-SCE;

"involviment ta' impjegati" tfisser kull mekkaniżmu, inklużi l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni, li permezz tiegħu ir-rappreżentanti ta' l-impjegati jkunu jistgħu jeżerċitaw influwenza fuq id-deċiżjonijiet li jkollhom jittieħdu f'intrapriża;

"konsultazzjoni" tfisser li jsir djalogu u skambju ta' fehmiet bejn il-korp rappreżentattiv ta' l-impjegati jew tar-rappreżentanti ta' l-impjegati, jew tat-tnejn, u l-organu kompetenti ta' l-SCE, fi żmien, b'mod u b'kontenut li jkun jippermetti lir-rappreżentanti ta' l-impjegati, abbażi ta' l-informazzjoni provduta, jesprimu opinjoni fuq miżuri intiżi mill-organu kompetenti li jistgħu jitqiesu fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-SCE;

"korp negozjatur speċjali" tfisser il-korp imwaqqaf skond ir-regolament 4 biex jinnegozja ma' l-organu kompetenti ta' l-entitajiet legali parteċipanti dwar it-twaqqif ta' arranġamenti għall-involviment ta' impjegati fl-SCE;

"korp rappreżentattiv" tfisser il-korp rappreżentattiv ta' l-impjegati mwaqqaf bil-pattijiet imsemmija fir-regolament 9 jew skond id-disposizzjonijiet ta' l-Iskeda, bl-iskop li jinforma u jikkonsulta lill-impjegati ta' l-SCE u lis-sussidjarji u l-istabbilimenti tagħha sitwati fil-Komunità u, meta jkun japplika, jeżerċita d-drittijiet ta' parteċipazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-SCE;

"membru Malti tal-korp negozjatur speċjali" tfisser membru tal-korp negozjatur speċjali elett jew maħtur minn impjegati Maltin;

"parteċipazzjoni" tfisser l-influwenza tal-korp rappreżentattiv ta' l-impjegati jew tar-rappreżentanti tal-prinċipali, jew tat-tnejn, fl-affarijiet ta' l-entità legali bis-saħħa:

(a) tad-dritt li jeleġġu jew jaħtru xi membri ta' l-organu li jissorvelja jew li jamministra l-entità legali, jew

(b) tad-dritt li jirrikkmanda jew jopponi, jew it-tnejn li huma flimkien, il-ħatra ta' wħud mill-membri ta' l-organu

li jissorvelja jew li jamministra l-entità legali jew tal-membri kollha;

"SCE" tfisser kull għaqda kooperattiva mwaqqfa skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 tat-22 ta' Lulju 2003;

"Stati Membri" tfisser stat membru ta' l-Unjoni Ewropea jew taz-żona Ekonomika Ewropea;

"sussidjarja" ta' entità legali parteċipanti jew ta' SCE tfisser intrapriża li fuqha dik l-entità legali jew SCE jeżerċitaw influwenza dominanti skond ir-regolament 2 (4) sa (9) tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Kunsill Ewropew tax-Xogħol; A.L. 324 ta' l-2004.

"sussidjarja jew stabbiliment involuti" tfisser sussidarja jew stabbiliment ta' entità legali parteċipanti li tkun qegħda tiġi proposta li ssir sussidarja jew stabbiliment ta' l-SCE meta din tkun iffurmata.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, frażijiet u espressjonijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandu, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx titlob xort'oħra, ikollhom it-tifsira lilhom mogħtija fl-Att.

(3) Fejn ma tingħatax definizzjoni f'dawn ir-regolamenti, kliem u espressjonijiet użati f'dawn ir-regolamenti li jintużaw ukoll fir-Regolament (KE) Nru 1435/2003 jew fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/72/KE għandu jkollhom l-istess tifsira li għandhom fir-Regolament KE jew fid-Direttiva tal-Kunsill.

SCEs imwaqqfin minn mill-inqas żewġ entitajiet legali jew bi trasformazzjoni.

**3.** Regolamenti 4 sa 11 ta' dawn ir-regolamenti japplikaw għall-SCEs mill-inqas imwaqqfin minn żewġ entitajiet legali jew bi trasformazzjoni.

Holqien u funzjoni ta' korp negozjatur speċjali.

**4.** (1) Meta l-organi tat-tmexxija jew ta' l-amministrazzjoni ta' l-entitajiet legali parteċipanti jfasslu pjan għat-twaqqif ta' SCE f'Malta, huma għandhom kemm jista' jkun malajr jieħdu l-miżuri neċessarji biex jibdew negozjati mar-rappreżentanti ta' l-impjegati ta' l-entitajiet legali fuq l-arranġamenti għall-involviment ta' l-impjegati ta' l-SCE.

(2) L-organi kompetenti ta' l-entitajiet legali parteċipanti għandhom jagħmlu arranġamenti għat-twaqqif ta' korp negozjatur speċjali, li jkun jirrappreżenta lill-impjegati ta' l-entitajiet legali parteċipanti u lis-sussidjarji jew l-istabbilimenti involuti, u li għandu jkun kostitwit skond ir-regolament 5.

(3) Il-korp negozjatur speċjali u l-organi kompetenti ta' l-entitajiet legali parteċipanti għandu jkollhom l-inkarigu li jaslu fi ftehim dwar l-involviment ta' l-impjegati.

(4) Sabiex jiffaċilitaw il-proċeduri tan-negozjati, il-miżuri msemmija fis-subregolament (1) li l-organi tat-tmexxija jew dawk amministrattivi ta' l-entitajiet legali parteċipanti huma obbligati li jadottaw, għandhom jinkludu l-għoti ta' l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-identità ta' l-entitajiet legali parteċipanti, dawk sussidjarji jew l-istabbilimenti involuti, l-għadd ta' l-impjegati tagħhom kif ukoll kull materja relatata magħhom, lir-rappreżentanti ta' l-impjegati ta' l-entità legali parteċipanti, sussidjarji jew stabbilimenti involuti tagħha, jew, jekk ma jkun hemm ebda rappreżentant bħal dak, lill-impjegati nfushom. Dawk il-miżuri għandhom jittieħdu fi żmien tliet ġimgħat mid-data msemmija fis-subregolament (1).

(5) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, sabiex ikun jista' jiġi kalkulat l-għadd ta' impjegati li jaħdmu fis-sussidjarji u l-istabbilimenti li joperaw f'Malta, għandu jiġi tenut kont ta' l-impegati kollha, kemm jekk dawn l-impjegati jkunu jaħdmu b'kuntratt definit kemm jekk b'kuntratt indefinit, u jiġu inklużi impjegati *part-time* li l-impjieg tagħhom ikun l-impjieg prinċipali tagħhom kif definit fir-Regolamenti ta' l-2002 dwar Impjegati *Part-Time*.

A.L. 427 ta' l-2002.

Votazzjoni ta' membri tal-korp negozjatur speċjali.

**5.** (1) Il-korp negozjatur speċjali għandu jitwaqqaf skond il-kriterji li ġejjin:

(a) l-impjegati ta' l-entitajiet legali parteċipanti u dawk sussidjarji jew ta' l-istabbilimenti involuti f'kull Stat Membru fejn l-impjegati jkunu jaħdmu għandu jkollhom jedd jeleġġu jew jaħtru membru wieħed tal-korp negozjatur speċjali għal kull 10%, jew parti minn dik iċ-ċifra, ta' l-għadd ta' impjegati li jaħdmu fl-Istati Membri kollha meħudin flimkien;

(b) jekk, fil-każ ta' SCE li għandha tkun stabbilita b'amalgamazzjoni, wara l-votazzjoni jew il-ħatra msemmija fil-paragrafu (a), il-membri eletti jew maħtura għall-korp negozjatur speċjali ma jkunux jinkludu mill-inqas membru wieħed li jirrappreżenta kull kooperattiva parteċipanti li tkun reġistrata u li jkollha impjegati f'dak l-Istat Membru u li ma tkunx se tibqa' teżisti bħala entità legali separata mar-reġistrazzjoni ta' l-SCE jew wara li din tkun saret, l-impjegati ta' dik il-kooperattiva li fir-rigward tagħhom ma jkun hemm ebda membru għandu jkollhom jedd jeleġġu jew jaħtru membru addizzjonali għall-korp negozjatur speċjali, iżda:

(i) l-għadd ta' membri addizzjonali li l-impjegati għandhom jedd jeleġġu jew jaħtru m'għandux jaqbeż l-20% ta' l-għadd ta' membri ordinarji eletti jew maħturin bis-saħħa tal-paragrafu (a);

(ii) il-kompożizzjoni tal-korp negozjatur speċjali m'għandhiex timplika li jkun hemm rappreżentanza doppja ta' l-impjegati involuti; u

(iii) jekk l-għadd ta' kooperattivi bħal dawk ikun ogħla mill-għadd ta' siġġijiet addizzjonali, dawk is-siġġijiet addizzjonali għandhom jiġu allokati f'ordni dixxendenti lill-kooperattivi fi Stati Membri differenti li jkollhom l-ogħla għadd ta' impjegati.

(2) Jekk, wara l-ħatra jew l-elezzjoni tal-korp negozjatur speċjali skond dan ir-regolament,

(a) isiru bidliet fl-entitajiet legali parteċipanti u sussidjarji jew stabbilimenti involuti li jirriżultaw fiż-żieda jew tnaqqis ta' l-għadd ta' membri ordinarji jew addizzjonali li l-impjegati għandu jkollhom jedd jeleġġu jew jaħtru taħt dan ir-regolament, il-ħatra jew l-elezzjoni oriġinali tal-membri tal-korp negozjatur speċjali m'għandhiex tibqa' effettiva u dawk l-impjegati għandu jkollhom jedd jeleġġu jew jaħtru l-għadd il-ġdid ta' membri skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti; u

(b) jekk membru tal-korp negozjatur speċjali ma jkunx irid jew ma jkunx jista' jibqa' jservi bħala membru, l-impjegati li huwa jirrappreżenta għandu jkollhom jedd jeleġġu jew jaħtru membru ġdid minfloku.

**6.** (1) Il-metodu ta' għażla tal-membri Maltin tal-korp negozjatur speċjali għandu jkun permezz ta' votazzjoni minn fost persuni eliġibbli li jkunu jissodisfaw il-kriterji mniżżlin fir-regolament 6 (2) (d). Tmexxija ta' votazzjoni.

(2) L-organi ta' tmexxija jew amministrazzjoni ta' l-entitajiet legali parteċipanti li dawn ir-regolamenti japplikaw għalihom għandhom ikunu responsabbli għall-arranġamenti relatati biex issir votazzjoni għal membri biex dawn iservu fil-korp negozjatur speċjali skond il-kriterji li ġejjin:

(a) f'relazzjoni mal-votazzjoni ta' membri ordinarji taħt ir-regolament 5 (1) (a) –

(i) jekk l-għadd ta' membri li l-impjegati Maltin għandhom jedd jeleġġu fil-korp negozjatur speċjali jkun ugwali għall-għadd ta' entitajiet legali parteċipanti li jkollhom impjegati f'Malta, għandu jkun hemm votazzjonijiet separati għall-impjegati Maltin f'kull entità legali parteċipanti;

(ii) jekk l-għadd ta' membri li l-impjegati Maltin huma intitolati li jeleġġu fil-korp negozjatur speċjali jkun akbar mill-għadd ta' entitajiet legali parteċipanti li jkollhom impjegati Malta, għandu jkun hemm votazzjonijiet separati għall-impjegati Maltin f'kull entità legali parteċipanti u l-organi ta' tmexxija jew amministrattivi għandhom jiżguraw, safejn ikun prattiku, li mill-inqas membru wieħed li jirrappreżenta kull entità legali parteċipanti bħal dik għandu jkun elett fil-korp negozjatur speċjali u li l-għadd ta' membri li jirrappreżentaw lil kull entità legali jkun proporzjonat ma' l-għadd ta' impjegati f'dik l-entità legali;

(iii) jekk l-għadd ta' membri li l-impjegati Maltin ikollhom jedd jeleġġu fil-korp negozjatur speċjali jkun inqas mill-għadd ta' entitajiet legali parteċipanti li jkollhom impjegati f'Malta, għandha ssir votazzjoni waħda li fiha l-impjegati kollha ta' l-entitajiet legali parteċipanti jkunu intitolati li jivvutaw;

(b) f'relazzjoni mal-votazzjoni għal membri addizzjonali taħt ir-regolament 5 (1) (b), l-organi ta' tmexxija jew dawk amministrattivi għandhom jagħmlu votazzjoni separata għal kull entità legali parteċipanti li jkollha jedd teleġġi membru addizzjonali.

(ċ) f'votazzjoni fir-rigward ta' entità legali parteċipanti, kull impjegat Malti li jaħdem f'dik l-entità legali parteċipanti jew fis-sussidjarji jew stabbilimenti tagħha involuti fid-data jew dati tal-votazzjoni, għandu jkollu jedd jivvota;

(d) f'votazzjoni fir-rigward ta' entità legali parteċipanti, kull persuna li fid-data tan-nomina ta' kandidati kienet:

(i) impjegat Malti li jaħdem f'dik l-entità legali parteċipanti jew fis-sussidjarji jew stabbilimenti involuti tagħha li jissodisfa l-kriterji mniżżlin fir-regolament 4 (5) u li jkun impjegat iżda mhux fil-perjodu ta' *probation* fid-data tan-nomina; jew

(ii) rappreżentant ta' *trade union*, anke jekk m'hux impjegat ta' dik l-entità legali parteċipanti jew ta' sussidjarji jew stabbilimenti involuti tagħha,

ikollha jedd toħroġ għall-votazzjoni bħala membru tal-korp negozjatur speċjali f'dik il-votazzjoni sakemm l-organi ta' tmexxija jew amministrattivi ta' dik l-entità legali parteċipanti jkunu jippermettu dan,

(e) l-organi ta' tmexxija jew amministrattivi għandhom:

(i) jaħtru persuna indipendenti li tissorvelja l-votazzjoni biex tmexxi l-votazzjoni ta' impjegati Maltin:

fil-każ meta jkun hemm aktar minn votazzjoni waħda, l-organi ta' tmexxija jew amministrattivi jistgħu jaħtru aktar minn persuna waħda indipendenti biex jissorveljaw il-votazzjoni u kull wieħed minnhom għandu jissorvelja dik il-votazzjoni separata skond ma jistgħu jistabbilixxu l-organi ta' tmexxija jew dawk amministrattivi, sakemm kull votazzjoni separata tiġi sorveljata minn persuna li tissorvelja;

(ii) jiżguraw li ma jkun hemm ebda interferenza fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha mill-organi ta' tmexxija jew minn dawk amministrattivi;

(iii) jilqgħu kull talba raġonevoli magħmula minn persuna indipendenti li tissorvelja l-votazzjoni bl-iskop li taqdi dawn il-funzjonijiet jew f'konnessjoni magħhom;

(f) wara li l-organi ta' tmexxija jew amministrattivi jkunu ifformulaw proposti dwar l-arranġamenti għall-votazzjoni ta' l-impjegati Maltin u qabel ma jkunu ippublikaw l-arranġamenti finali taħt il-paragrafu (g) huma għandhom, safejn ikun raġonevolment prattiku, jikkonsultaw lir-rappreżentanti ta' l-impjegati dwar l-arranġamenti proposti għall-votazzjoni ta' l-impjegati Maltin; u

(g) l-organi ta' tmexxija jew dawk amministrattivi għandhom jippublikaw l-arranġamenti finali għall-votazzjoni ta' l-impjegati Maltin b'mod li jwassluhom għall-attenzjoni, safejn ikun raġonevolment prattiku, ta' l-impjegati Maltin u tar-rappreżentanti ta' l-impjegati.

(3) Il-persuna li tissorvelja l-votazzjoni għandha tistabbilixxi d-data:

(a) għan-nomina ta' kandidati, li għandha tkun data bejn it-tieni u t-tielet ġimgħa mid-data meta jkunu finalizzati l-arranġamenti finali għall-votazzjoni ta' l-impjegati Maltin imsemmija fis-subregolament (2) (g), u

(b) tal-votazzjoni nnifisha li għandha ssir fi żmien xahrejn mid-data tan-nomina ta' kandidati msemmija fis-subparagrafu (a).

(4) Għandu jkun id-dmir tal-persuna li tissorvelja l-votazzjoni –

(a) li tippublika formalment, skond il-każ, l-ismijiet tal-persuni li joħorġu għall-elezzjoni, u r-riżultati tal-votazzjoni li tkun saret biex taħtar il-korp negozjatur speċjali, b'mod li tagħmilhom aċċessibbli għall-organi ta' tmexxija jew dawk amministrattivi ta' l-entità legali parteċipanti, għall-impjegati Maltin li jkollhom jedd jivvutaw fil-votazzjoni u għall-persuni li jkunu ħarġu bħala kandidati, kemm jista' jkun malajr, u f'kull każ fi żmien ġimgħa wara d-data tan-nomina tal-kandidati jew ta' l-elezzjoni jew tal-ħatra tal-membri tal-korp negozjatur speċjali;

(b) jekk iċ-ċirkustanzi jkunu jitolbu hekk, li tippublika rapport fl-istess waqt tal-publikazzjoni tar-riżultati ta' l-elezzjoni tal-korp negozjatur speċjali msemmi fil-paragrafu (a) li fih tiddikjara –

(i) li xi rekwiżit biex issir elezzjoni ġusta ma kienx sodisfatt bir-riżultat li l-eżitu tal-votazzjoni seta' kien differenti; jew

(ii) li kien hemm interferenza fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha jew nuqqas mill-organi ta' tmexxija jew amministrattivi li jikkonformaw mat-talbiet raġonevoli kollha magħmulin minnha bir-riżultat li hi ma setgħetx tifforma ġudizzju sewwa dwar jekk ir-rekwiżiti biex issir elezzjoni ġusta kinux sodisfatti.

(5) Il-korp negozjatur speċjali għandu jitqies li jkun twaqqaf fid-data tal-publikazzjoni tar-riżultati tal-votazzjoni skond ir- regolament 6 (4) (a) iżda jekk il-persuna li tissorvelja l-votazzjoni toħroġ ukoll rapport skond ir-regolament 6 (4) (b), il-proċess ta' l-elezzjoni jew ħatra tal-korp negozjatur speċjali għandu jitqies null u bla effett u jkollu jsir mill-ġdid.

(6) L-organi kompetenti ta' l-entitajiet legali parteċipanti għandhom, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ sa mhux aktar minn

xahar mit-twaqqif tal-korp negozjatur speċjali, jinfurmaw lill-impjegati tagħhom u lil dawk tas-sussidjarji jew stabbilimenti tagħhom bl-identità tal-membri tal-korp negozjatur speċjali.

(7) Kull impjegat Malti jew rappreżentant ta' l-impjegati Maltin jista', fi żmien ġimgħa li tibda għaddejja minn meta l-organi ta' tmexxija jew dawk amministrattivi jippublikaw l-arranġamenti finali skond is-subregolament (2) (g), iressaq ilment bil-miktub fir-rigward ta' xi aspett relatat ma' l-elezzjoni tar-rappreżentanti fil-korp negozjatur speċjali inkluża l-eġibilità biex joħorġu għall-elezzjoni, l-eġibilità li jivvutaw jew l-organizzazzjoni tal-votazzjoni, lid-Direttur responsabbli għar-relazzjonijiet industrijali u impjiegi, li għandu jinvestiga jekk dan l-ilment ikunx motivat sew u li jista' jordna li jittieħdu miżuri xierqa minn kull persuna involuta biex jitneħħa kull kaġun ta' l-ilmenti li jkunu motivati sew, u kull deċiżjoni meħuda mid-Direttur fuq kull kwistjoni relatata ma' l-organizzazzjoni tal-votazzjoni għandha tkun finali.

(8) Minkejja kull rekwiżit f'dawn ir-regolamenti biex issir votazzjoni, meta l-għadd ta' kandidati fi tmiem il-perjodu allokat għan-nomini jkun ugwali għall-għadd ta' membri li għandhom ikunu eletti fil-korp negozjatur, dawn għandhom jitqiesu li jkunu nħatru awtomatikament għall-korp negozjatur speċjali, u dan għandu jneħħi kull rekwiżit biex issir votazzjoni u l-persuna li tissorvelja l-votazzjoni għandha tippublika dan ir-riżultat skond ir-regolament 6 (4).

(9) Kull nefqa relatata mal-proċess kollu tan-nomini u ta' l-elezzjoni f'entità legali waħda jew f'aktar minn waħda, inklużi l-ħlasijiet magħmulin lill-persuna li tissorvelja l-votazzjoni talli ssorveljat it-tmexxija tal-votazzjoni (kemm jekk sar rapport skond is-subregolament 4 (b) kemm jekk dan ma jkunx sar), għandha titħallas mill-entitajiet legali parteċipanti li joperaw f'Malta.

Deċiżjonijiet tal-korp negozjatur speċjali.

**7.** (1) Kull membru tal-korp negozjatur speċjali għandu jkollu vot wieħed.

(2) Bla ħsara għas-subregolament (3) u għar-regolament 8, il-korp negozjatur speċjali għandu jieħu deċiżjonijiet b'maġġoranza assoluta tal-membri tiegħu, sakemm dik il-maġġoranza tkun tirrappreżenta wkoll maġġoranza assoluta ta' l-impjegati.

(3) Kull deċiżjoni li tirriżulta fi tnaqqis tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni għandha tittieħed minn żewġ terzi tal-membri tal-korp negozjatur speċjali li jirrappreżentaw mill-inqas żewġ terzi ta' l-impjegati u għandhom jinkludu l-voti tal-membri li jirrappreżentaw impjegati f'mill-inqas żewġ Stati Membri

(i) jekk fil-każ ta' SCE li tkun se titwaqqaf b'amalgamazzjoni, mill-inqas 25% ta' l-impjegati li jaħdmu fl-Istati Membri mal-kooperattivi parteċipanti li jkunu se jamalgamaw għandhom drittijiet parteċipattivi; jew

(ii) jekk fil-każ ta' SCE li tkun se titwaqqaf b'xi mod ieħor, mill-inqas 50% ta' l-għadd totali ta' impjegati li jaħdmu fl-Istati Membri ma' l-organi ta' tmexxija jew dawk amministrattivi għandhom drittijiet parteċipattivi.

(4) Għall-finijiet tas-subregolament (3), it-tnaqqis ta' drittijiet parteċipattivi ifisser li l-korp rappreżentattiv ta' l-impjegati għandu proporzjon iżgħar ta' membri ta' l-organi ta' tmexxija jew amministrattivi ta' l-SCE mill-ogħla proporzjon li tkun diġà teżisti f'xi waħda mill-entitajiet legali parteċipanti li tagħti drittijiet parteċipattivi lill-impjegati tagħha.

(5) Il-korp negozjatur speċjali għandu jippubblika d-dettalji ta' kull deċiżjoni meħuda taħt dan ir-regolament jew taħt ir-regolament 8 b'mod li jġib id-deċiżjoni għall-attenzjoni, safejn ikun raġonevolment prattiku, ta' l-impjegati li huma jirrappreżentaw u din il-publikazzjoni għandha ssir kemm jista' jkun raġonevolment malajr u, f'kull każ, mhux aktar tard minn 14-il ġurnata wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni.

(6) Għall-finijiet ta' negozjati, il-korp negozjatur speċjali jista' jkun megħjun minn dawk l-esperti li l-korp jagħzel.

(7) L-entità jew entitajiet legali parteċipanti għandhom iħallsu l-ispejjeż raġonevoli ta' l-iffunzjonar tal-korp negozjatur speċjali u kull nefqa raġonevoli relatata man-negozjati li huma neċessarji biex il-korp negozjatur speċjali jaqdi l-funzjonijiet tiegħu b'mod xieraq; u dan għandu jinkludi l-ispejjeż ta' espert wieħed meta l-korp negozjatur speċjali jkun megħjun minn esperti li l-korp jagħzel.

Deċiżjoni li ma jinfethux jew jintemmu negozjati.

**8.** (1) Bla ħsara għas-subregolament (2) u (3), il-korp negozjatur speċjali jista' jiddeċiedi li ma jiftaħx negozjati ma' l-organi kompetenti ta' l-entitajiet legali parteċipanti jew li jittermina n-negozjati diġà miftuħin, u li jimxi mar-regoli ta' informazzjoni u konsultazzjoni li jkunu fis-seħħ fl-Istati Membri fejn l-SCE jkollha impjegati.

(2) Il-maġġoranza meħtieġa biex tiddeċiedi li ma tiftaħx jew li tittermina negozjati għandha tkun ta' żewġ terzi tal-membri li jirrappreżentaw mill-inqas żewġ terzi ta' l-impjegati, inklużi l-voti tal-membri li jirrappreżentaw impjegati li jaħdmu f'mill-inqas żewġ Stati Membri.

(3) Il-korp negozjatur speċjali ma jistax jieħu d-deċiżjoni msemmija fis-subregolament (1) f'relazzjoni ma' SCE li tkun se titwaqqaf permezz ta' trasformazzjoni jekk xi impjegati tal-kooperattiva li se tkun trasformata għandhom drittijiet parteċipattivi.

(4) Il-korp negozjatur speċjali għandu jerġa' jitlaqqa' biss jekk l-impjegati jew ir-rappreżentanti ta' l-impjegati jagħmlu talba valida, liema talba għandha ssir:

(a) bil-miktub

(b) mill-inqas 10% ta' l-impjegati jew mir-rappreżentanti ta' l-impjegati li jirrappreżentaw mill-inqas 10% ta' l-impjegati –

(i) ta' l-entitajiet legali parteċipanti, sussidjarji jew stabbilimenti involuti, jew

(ii) meta l-SCE tkun reġistrata, l-SCE, is-sussidjarji jew stabbilimenti tagħha; u

(ċ) l-aktar kmieni, sentejn wara li d-deċiżjoni meħuda taħt is-subregolament (1) kienet jew suppost kienet ippubblikata skond ir-regolament 7 (5) sakemm il-korp negozjatur speċjali u l-organi kompetenti ta' l-entitajiet legali parteċipanti, is-sussidjarji jew stabbilimenti involuti, jew, fejn l-SCE kienet reġistrata, l-SCE taqbel li l-korp negozjatur speċjali jissejjaħ biex jiltaqa' qabel:

Iżda jekk il-korp negozjatur speċjali jiddeċiedi li jiftaħ mill-ġdid negozjati ma' l-organi ta' tmexxija jew dawk amministrattivi iżda ma jintlaħaq ebda ftehim bħala riżultat ta' dawk in-negozjati, ebda waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-Iskeda m'għandha tapplika.

**9.** (1) L-organi kompetenti ta' l-entitajiet legali parteċipanti u l-korp negozjatur speċjali għandhom id-dmir li jinnegozjaw fi spirtu ta' kooperazzjoni bil-għan li jilħqu ftehim dwar l-involviment ta' l-impjegati.

Negozjati fuq ftehim ta' involviment ta' l-impjegati u l-kontenut tiegħu.

(2) Id-dmir imsemmi fis-subregolament (1) jidħol fis-seħħ xahar wara d-data li fiha l-membri kollha tal-korp negozjatur speċjali jkunu eletti jew maħturin u japplika -

(a) għal perjodu ta' sitt xhur li jibdew fil-jum li fih id-dmir jidħol fis-seħħ jew, meta ftehim ta' involvement ta' impjegati jkun ġie negozjat tul dak il-perjodu, sakemm jintemmu n-negozjati;

(b) meta l-partijiet jaqblu qabel tmiem il-perjodu ta' sitt xhur imsemmi fil-paragrafu (a), li dan għandu jkun estiż, għal perjodu ta' tnax-il xahar li jibdew mill-jum li fih id-dmir ikun daħal fis-seħħ jew, meta ftehim ta' involviment ta' impjegati jkun ġie negozjat tul dan il-perjodu ta' tnax-il xahar, sakemm jintemmu n-negozjati.

(3) L-organi kompetenti ta' l-entità jew entitajiet legali parteċipanti għandhom jgħaddu lill-korp negozjatur speċjali dik l-informazzjoni li tkun meħtieġa biex iżommuh infurmat bil-pjan u l-progress li titwaqqaf l-SCE sakemm l-SCE tkun ġiet reġistrata.

(4) Mingħajr preġudizzju għall-awtonomija ta' l-organi kompetenti ta' l-entitajiet legali parteċipanti u l-korp negozjatur speċjali, u bla ħsara għas-subregolament (6), il-ftehim imsemmi fis-subregolament (1) bejn l-organi kompetenti ta' l-entitajiet legali parteċipanti u l-korp negozjatur speċjali, għandu jispeċifika:

(a) l-iskop tal-ftehim;

(b) il-komposizzjoni, l-għadd ta' membri u l-allokazzjoni tas-siġġijiet fuq il-korp rappreżentattiv li se jkun is-sieħeb tad-diskussjoni ta' l-organi kompetenti ta' l-SCE f'konnessjoni ma' l-arranġamenti għall-informazzjoni u konsultazzjoni ta' l-impjegati ta' l-SCE u s-sussidjarji jew stabbilimenti tagħha;

(ċ) il-funzjonijiet u l-proċeduri għall-informazzjoni u konsultazzjoni tal-korp rappreżentattiv;

(d) il-frekwenza tal-laqgħat tal-korp rappreżentattiv;

(e) ir-riżorsi finanzjarji u materjali li għandhom ikunu allokati lill-korp rappreżentattiv;

(f) jekk, waqt in-negozjati, il-partijiet jiddeċiedu li jistabbilixxu proċedura jew aktar ta' informazzjoni u konsultazzjoni flok korp rappreżentattiv, l-arranġamenti biex dawk il-proċeduri jiġu implimentati;

(g) jekk, waqt in-negozjati, il-partijiet jiddeċiedu li jistabbilixxu arranġamenti dwar parteċipazzjoni, is-sustanza ta' dawk l-arranġamenti, inklużi (jekk dan ikun japplika) l-għadd ta' membri fil-korp amministrattiv jew ta' sorveljanza ta' l-SCE li l-impjegati jkollhom jedd jeleġġu, jaħtru, jirrikkmandaw jew jopponu, il-proċeduri dwar kif dawn il-membri jistgħu jkunu eletti,

maħturin, rakkomandati jew opposti mill-impjegati, u d-drittijiet tagħhom;

(h) id-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim u għal kemm żmien dan għandu jdum, każijiet meta l-ftehim għandu jkun negozjat mill-ġdid u l-proċedura għan-negozjar mill-ġdid tiegħu, inkluż, meta jkun adatt, id-dmir ta' negozjar mill-ġdid dwar bidliet fl-involviment ta' l-impjegati fil-każ ta' bidliet strutturali fl-SCE u fis-sussidjarji u l-istabbilimenti tagħha li jsiru wara l-ħolqien ta' l-SCE.

(5) Il-ftehim m'għandux, sakemm ma jigix hemm provdut xort'oħra, ikun soġġett għar-regoli *standard* imsemmija fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(6) Fil-każ ta' SCE stabbilita permezz ta' trasformazzjoni, il-ftehim għandu jipprovdi għal mill-inqas l-istess livell ta' l-elementi kollha ta' involviment ta' l-impjegati daqs dawk eżistenti fil-kooperattiva li se tkun trasformata f'SCE.

(7) Il-ftehim jista' jispeċifika l-arranġamenti għad-dritt ta' l-impjegati li jipparteċipaw fil-laqgħat ġenerali jew fil-laqgħat tat-taqsima jew settur skond ir-regolament 13 ta' dawn ir-Regolamenti u kull arranġament ieħor li joħroġ mill-artikolu 59 (4) tar-Regolament (KE) Nru 1435/2003 dwar l-Istatut ta' l-Għaqda Kooperattiva Ewropea.

Leġiżlazzjoni applikabbli għall-proċedura ta' negozjar.

**10.** Minbarra meta jkun provdut mod ieħor f'dawn ir-regolamenti, il-leġislazzjoni li tapplika għall-proċedura tan-negozjati li hemm fir-regolamenti 4 sa 9 għandha tkun il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru li fih ikun se jiġi sitwat l-uffiċċju reġistrat ta' l-SCE.

Regoli *standard* dwar involviment ta' impjegati.

**11.** (1) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (2), meta jkun japplika dan ir-regolament, l-organi kompetenti ta' l-SCE u s-sussidjarji u l-istabbilimenti tagħha għandhom jagħmlu arranġamenti għall-involviment ta' l-impjegati ta' l-SCE u s-sussidjarji u l-istabbilimenti tagħha skond ir-regoli standard dwar involviment ta' impjegati mniżżlin fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti meta:

(a) il-partijiet jiftiehmu li r-regoli *standard* għandhom japplikaw; jew

(b) il-perjodu speċifikat fir-regolament 9 (2) (a) jew, meta jkun japplika, il-paragrafu (b) jkun għadda bla ma l-partijiet laħqu ftehim dwar l-involviment ta' l-impjegati u –

(i) l-organi kompetenti ta' kull wieħed mill-entitajiet legali parteċipanti jiddeċiedu li jaċċettaw li r-regoli *standard* għandhom japplikaw u għalhekk ikomplu għaddejjin bir-reġistrazzjoni ta' l-SCE, u

(ii) il-korp negozjatur speċjali ma jkunx ħa xi deċiżjoni taħt ir-regolament 8 (1) jew li ma jiftaħx jew li jittermina n-negozjati msemmija f'dak ir-regolament.

Iżda r-regoli *standard* għandhom japplikaw mid-data tar-reġistrazzjoni ta' l-SCE.

(2) Ir-regoli *standard* dwar parteċipazzjoni kif imfissrin f'Taqsima 3 ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti japplikaw biss:

(a) fil-każ ta' SCE mwaqqfa bi trasformazzjoni, jekk ir-regoli ta' Stat Membru li għandhom x'jaqsmu mal-parteċipazzjoni ta' l-impjegati fil-korp amministrattiv jew ta' sorveljanza kienu japplikaw għal kooperattiva trasformata f'SCE;

(b) fil-każ ta' SCE mwaqqfa b'amalgamazzjoni jekk, qabel ir-reġistrazzjoni ta' l-SCE, xi forma waħda jew aktar ta' parteċipazzjoni kienet teżisti f'mill-inqas waħda mill-kooperattivi parteċipanti u:

(i) jew dik il-parteċipazzjoni kienet tapplika għal mill-inqas 25% ta' l-għadd totali ta' impjegati tal-kooperattivi parteċipanti mħaddmin fl-Istati Membri, jew

(ii) dik il-parteċipazzjoni kienet tapplika għal inqas minn 25% ta' l-għadd totali ta' impjegati tal-kooperattivi parteċipanti mħaddmin fl-Istati Membri u l-korp negozjatur speċjali jiddeċiedi li r-regoli *standard* ta' parteċipazzjoni għandhom japplikaw għall-impjegati ta' l-SCE;

(ċ) fil-każ ta' SCE mwaqqfa b'xi mod ieħor jekk, qabel ir-reġistrazzjoni ta' l-SCE, xi forma waħda jew aktar ta' parteċipazzjoni kienet teżisti f'mill-inqas waħda mill-entitajiet legali parteċipanti u:

(i) jew dik il-parteċipazzjoni kienet tapplika għal mill-inqas 50% ta' l-għadd totali ta' impjegati ta' l-entitajiet legali parteċipanti mħaddmin fl-Istati Membri; jew

(ii) dik il-parteċipazzjoni kienet tapplika għal inqas minn 50% ta' l-għadd totali ta' impjegati ta' l-entitajiet legali parteċipanti mħaddmin fl-Istati Membri u l-korp negozjatur speċjali jiddeċiedi li r-regoli *standard* ta' parteċipazzjoni għandhom japplikaw għall-impjegati ta' l-SCE.

(3) Meta r-regoli *standard* dwar parteċipazzjoni japplikaw u, jekk aktar minn forma waħda ta' parteċipazzjoni kienet teżisti fl-entità legali parteċipanti, il-korp negozjatur speċjali għandu jiddeċiedi liema mill-forom eżistenti ta' parteċipazzjoni għandu jkun hemm fl-SCE u għandu jinforma b'dan lill-organi kompetenti ta' l-entitajiet legali parteċipanti.

**12.** (1) Dan ir-regolament japplika għal SCEs imwaqqfin eskluzivament minn persuni naturali jew minn entità legali singola u persuni naturali.

SCEs mwaqqfin esklussivament minn persuni naturali jew minn entità legali singola u persuni naturali.

(2) Id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 11 japplikaw fil-każ ta' SCE mwaqqfa esklużivament minn persuni naturali jew minn entità legali singola u persuni naturali, li flimkien jimpjegaw mill-inqas 50 impjegat f'mill-inqas żewġ Stati Membri.

(3) Fil-każ ta' SCE mwaqqfa esklużivament minn persuni naturali jew minn entità legali singola u persuni naturali, li flimkien jimpjegaw inqas minn 50 impjegat jew aktar fi Stat Membru wieħed -

(i) l-involviment ta' impjegati fl-SCE nnifisha għandu jitrieġa mil-liġi li tapplika għal entitajiet oħra ta' l-istess xorta, ta' l-Istat Membru fejn l-SCE għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha,

(ii) l-involviment ta' impjegati fis-sussidjarji u stabbilimenti tagħha għandu jitrieġa mil-liġi li tapplika għal entitajiet oħra ta' l-istess xorta, ta' l-Istat Membru fejn ikunu sitwati.

(4) Fil-każ ta' trasferiment ta' uffiċċju reġistrat ta' SCE irregolat minn parteċipazzjoni minn Stat Membru għal ieħor, għandu jibqa' jinżamm mill-inqas l-istess livell ta' drittijiet ta' parteċipazzjoni ta' l-impjegati.

(5) Jekk, wara r-reġistrazzjoni ta' SCE msemmija fis-subregolament (3), mill-inqas terz mill-għadd totali ta' impjegati ta' l-SCE u s-sussidjarji u stabbilimenti tagħha f'mill-inqas żewġ Stati Membri differenti jitolbu dan, jew jekk l-għadd totali ta' impjegati jilħaq jew jaqbeż il-50 impjegat f'mill-inqas żewġ Stati Membri, għandhom japplikaw'*mutatis mutandis* ir-regolamenti 4 sa 11. F'dan il-każ, il-frazijiet 'entitajiet legali parteċipanti' u 'sussidjarji u stabbilimenti

involuti' għandhom ikunu sostitwiti bil-kelmiet 'SCE' u 'sussidjarji u stabbilimenti ta' l-SCE' rispettivament.

Parteċipazzjoni f'laqgħat ġenerali jew settorjali.

**13.** (1) Bla ħsara għal-limiti mniżżlin fl-artikolu 59 (4) tar-Regolament (KE) Nru 1435/2003, l-impjegati ta' l-SCE jew ir-rappreżentanti tagħhom, jew it-tnejn flimkien, għandhom jedd jipparteċipaw fil-laqgħa ġenerali jew, jekk ikun hemm, fil-laqgħat sezzjonali jew settorjali, bid-dritt tal-vot;

(a) meta l-partijiet jiddeċiedu hekk fil-ftehim imsemmi fir-regolament 9, jew

(b) meta kooperattiva li tkun regolata minn din is-sistema tittrasforma ruħha f'SCE, jew

(ċ) meta, fil-każ ta' SCE mwaqqfa b'mod ieħor li m'hux trasformazzjoni, kooperattiva parteċipanti kienet regolata b'sistema ta' din ix-xorta u:

(i) l-partijiet ma jistgħux jilħqu ftehim, kif imsemmi fir-regolament 9, sad-data stabbilita fl-istess regolament; u

(ii) japplikaw ir-regolament 11 (1) (b) u Taqsima 3 ta' l-Iskeda; u

(iii) l-kooperattiva parteċipanti li tkun regolata minn sistema ta' din ix-xorta jkollha l-ogħla proporzjon ta' parteċipazzjoni, fl-ambitu tat-tifsira tar-regolament 2, fis-seħħ fil-kooperattivi parteċipanti involuti qabel ir-reġistrazzjoni ta' l-SCE.

Riserva u Konfidenzjalità.

**14.** (1) Persuna li tkun jew f'xi żmien kienet –

(a) membru ta' korp negozjatur speċjali;

(b) membru ta' korp rappreżentattiv;

(ċ) impjegat membru fuq organu ta' sorveljanza jew amministrattiv; jew

(d) espert li jkun qiegħed jgħin korp negozjatur speċjali jew korp rappreżentattiv,

m'għandha tiżvela ebda informazzjoni jew dokument li jkun jew li kien fil-pussess tagħha bis-saħħa tal-posizzjoni tagħha kif deskritta fil-paragrafi (a) sa (d) ta' dan is-subregolament, li l-organi kompetenti ta'

l-SCE, entità legali parteċipanti jew is-sussidjarji u stabbilimenti involuti tagħha jkunu fdaw f'idejha bil-kondizzjoni li jkunu miżmumin b'mod konfidenzjali.

(2) F'dan ir-regolament persuna speċifikata fis-subregolament (1) (a) sa (d) għandha tissejjaħ 'riċevitur'.

(3) L-obbligu ta' konformità mas-subregolament (1) hu dmir dovut lill-organu kompetenti ta' entità legali parteċipanti jew ta' SCE u tista' ssir azzjoni ghad-danni meta jkun hemm xi kontravenzjoni ta' dak id-dmir.

(4) Meta tinqala' tilwima dwar il-konfidenzjalità ta' informazzjoni jew dokument mogħti lil riċevitur, ir-riċevitur li lilu l-organu kompetenti ta' entità legali parteċipanti jew ta' SCE jkun fada b'din l-informazzjoni jew dokument bil-kondizzjoni li jkunu miżmumin b'mod konfidenzjali, jista' jirreferi t-tilwima lit-Tribunal Industrijali għal deċiżjoni dwar jekk kienx raġonevoli min-naħa ta' l-organu kompetenti li jitlob lir-riċevitur li jżomm l-informazzjoni jew dokument b'mod konfidenzjali.

(5) Jekk it-Tribunal Industrijali jqis li l-iżvelar ta' l-informazzjoni jew dokument mir-riċevitur ma jippreġudikax, jew x'aktarx li ma jippreġudikax jew jikkaġuna dannu serju lill-intrapriża, huwa għandu jagħmel dikjarazzjoni li ma kienx raġonevoli għall-organu kompetenti li jitlob lir-riċevitur li jżomm l-informazzjoni jew id-dokument b'mod konfidenzjali.

(6) Jekk issir dikjarazzjoni taħt is-subregolament (5), l-informazzjoni jew id-dokument m'għandhomx jitqiesu, f'xi żmien sussegwenti, li jkunu gew fdati lir-riċevitur li jkun għamel l-applikazzjoni taħt is-subregolament (4), jew lil xi riċevitur ieħor, bil-kondizzjoni li jkunu miżmumin b'mod konfidenzjali.

(7) L-organu kompetenti ta' l-SCE reġistrata f'Malta jew ta' entità legali parteċipanti, jew sussidjarja involuta reġistrata f'Malta m'hi meħtieġa tiżvela ebda informazzjoni jew dokument lir-riċevitur meta n-natura ta' l-informazzjoni jew dokument tkun tali li, skond kriterji oġġettivi, l-iżvelar ta' l-informazzjoni jew dokument jagħmlu ħsara serja lill-funzjonament ta' l-SCE, ta' entità legali parteċipanti jew ta' sussidjarji u stabbilimenti involuti, jew ikunu ta' preġudizzju għalihom.

(8) Meta tinqala' tilwima bejn l-organu kompetenti ta' entità legali parteċipanti, sussidjarja u stabbiliment involut jew SCE, u riċevitur dwar jekk in-natura ta' l-informazzjoni jew dokument li l-organu kompetenti jkun naqas li jgħaddi tkunx tali skond kif deskritt fis-

subregolament (7), l-organu kompetenti jew riċevitur jistgħu jirreferu t-tilwima lit-Tribunal Industrijali għal deċiżjoni dwar jekk l-informazzjoni jew id-dokument ikunux ta' dik in-natura.

(9) Jekk it-Tribunal Industrijali jiddeċiedi li l-iżvelar ta' l-informazzjoni jew dokument in kwistjoni, skond kriterji oġġettivi, ma jagħmilx ħsara serja lill-funzjonament ta' l-SCE, lill-entità legali parteċipanti jew lil xi sussidjarji u stabbilimenti involuti, skond il-każ, jew ma jkunx ta' preġudizzju għalihom, it-Tribunal Industrijali għandu jordna lill-organu kompetenti li jiżvela l-informazzjoni jew id-dokument, u l-ordni għandha tkun tispeċifika:

(a) l-informazzjoni jew id-dokument li għandhom ikunu żvelati;

(b) ir-riċevitur jew riċevituri lil min l-informazzjoni jew dokument għandhom ikunu żvelati;

(ċ) il-kondizzjonijiet li taħthom għandhom jiġu żvelati l-informazzjoni jew id-dokument; u

(d) id-data sa meta l-informazzjoni jew id-dokument għandhom jiġu żvelati.

Operat tal-korp rappreżentattiv u proċedura għall-informazzjoni u konsultazzjoni ta' impjegati.

**15.** L-organu kompetenti ta' l-SCE u l-korp rappreżentattiv għandhom jaħdmu flimkien fi spirtu ta' kooperazzjoni b'rispett dovut għad-drittijiet u l-obbligi reċiproċi tagħhom, u dan għandu japplika wkoll għall-kooperazzjoni bejn l-organu ta' sorveljanza jew dak amministrattiv ta' l-SCE u r-rappreżentanti ta' l-impjegati fil-każ ta' proċedura għall-informazzjoni u konsultazzjoni ta' impjegati.

Protezzjoni ta' rappreżentanti ta' l-impjegati.

**16.** (1) Il-membri tal-korp negozjatur speċjali, il-membri tal-korp rappreżentattiv, kull rappreżentant ta' l-impjegati li jeżerċita funzjonijiet taħt il-proċedura'għall-informazzjoni u konsultazzjoni u kull rappreżentant ta' l-impjegati fl-organu ta' sorveljanza jew amministrattiv ta' l-SCE, is-sussidjarji u l-istabbilimenti tagħha jew ta' entità legali parteċipanti għandhom, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, igawdu l-istess protezzjoni u garanziji provduti lir-rappreżentanti ta' l-impjegati fl-Att.

(2) Il-protezzjoni u l-garanziji msemmija fis-subregolament (1) għandhom japplikaw b'mod partikolari għall-attendenza għal laqgħat tal-korp negozjatur speċjali jew tal-korp rappreżentattiv, għal kull laqgħa oħra li taqa' taħt il-ftehim imsemmi fir-regolament 9 (4) (f) jew għal kull laqgħa ta' l-organu amministrattiv jew ta' sorveljanza, u għall-ħlas ta' pagi għal membri impjegati mill-entità legali parteċipanti jew l-SCE

jew mis-sussidjarji u mill-istabbilimenti tagħha tul il-perjodu ta' assenza meħtieġ minħabba l-qadi ta' dmirijiethom.

**17.** Ebda persuna m'għandha tuża SCE biex iċċaħħad lil impjegati mid-drittijiet ta' involviment jew biex jinżammulhom lura dawn id-drittijiet. Użu ħażin ta' proċeduri.

**18.** Għandu jkun id-dmir Konformità ma' dawn ir-regolamenti.

(a) ta' l-organi tat-tmexxija jew amministrazzjoni ta' stabbilimenti ta' SCE u ta' l-organi ta' sorveljanza jew dawk amministrattivi tas-sussidjarji u ta' entitajiet legali parteċipanti li huma sitwati f'Malta, u

(b) tar-rappreżentanti ta' l-impjegati jew, skond il-każ, l-impjegati nnifishom li jimxu ma' l-obbligi mniżżlin f'dawn ir-regolamenti, kemm jekk l-SCE jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha f'Malta kemm jekk le.

**19.** (1) Minkejja kull disposizzjoni kuntrarja fir-Regolamenti ta' l-2004 dwar Kunsilli tax-Xogħol Ewropej, u bla ħsara għas-sub-regolament (2), meta SCE hija intrapriża ta' dimensjoni Komunitarja jew intrapriża li tikkontrolla grupp ta' intrapriżi ta' dimensjoni Komunitarja fl-ambitu tat-tifsira ta' dawk ir-regolamenti, id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar Kunsilli tax-Xogħol Ewropej m'għandhomx ikunu japplikaw għalihom jew għas-sussidjarji tagħhom. Rabta bejn dawn ir-regolamenti u disposizzjonijiet oħra. A.L. 324 ta' l-2004.

(2) Meta l-korp negozjatur speċjali jiddeċiedi skond ir-regolament 8 li ma jiftaħx negozjati jew li jittermina negozjati diġà miftuħin, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar Kunsilli tax-Xogħol Ewropej . A.L. 324 ta' l-2004.

(3) Disposizzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni ta' impjegati f'korpi ta' entità legali li hemm provvediment dwarhom f'xi ftehim kollettiv, m'għandhomx japplikaw għall-SCEs li dwarhom japplikaw ir-regolamenti 4 sa 11 ta' dawn ir-regolamenti.

(4) Dawn ir-regolamenti m'għandhomx ikunu ta' preġudizzju:

(a) għad-drittijiet diġà eżistenti ta' l-involviment ta' l-impjegati provduti minn kull liġi jew ftehim kollettiv applikabbli kif gawduti minn impjegati ta' l-SCE u s-sussidjarji u stabbilimenti tagħha, minbarra l-parteċipazzjoni fil-korpi ta' l-SCE;

(b) għad-disposizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni f'korpi f'kull liġi rilevanti jew kif miftiehem bis-saħħa ta' xi ftehim kollettiv li japplika għas-sussidjarji ta' l-SCE jew għal SCEs li dwarhom ma japplikawx ir-regolamenti 4 sa 11.

Penali.

**20.** Kull persuna li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi obbligu impost fuq tali persuna taħt dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel:

(a) multa ta' mhux inqas minn għaxar liri u mhux iżjed minn ħamsin lira għal kull impjegat ta' l-entitajiet legali parteċipanti kollha, sussidjarji jew stabbilimenti involuti fir-rigward ta' nuqqas mill-organu kompetenti ta' l-SCE, ta' l-entità legali parteċipanti jew sussidjarja involuta, skond il-każ, milli jikkonformaw ruħhom ma' xi rekwiżit li jkun hemm provdut dwaru f'dawn ir-regolamenti;

(b) fir-rigward ta' xi reat ieħor, multa ta' mhux inqas minn ħames mitt lira u mhux iżjed minn ħamest elef lira.

SKEDA

(Regolamenti 11 u 12)

## REGOLI STANDARD

### Taqsima 1: Komposizzjoni tal-korp rappreżentattiv ta' l-impjegati

1. Biex jilħaq l-objettiv deskritt fir-regolament 1, u fil-każijiet imsemmija fir-regolament 11, korp rappreżentattiv għandu jitwaqqaf skond dawn ir-regoli li ġejjin.

(a) Il-korp rappreżentattiv għandu ikun kompost minn impjegati tal-SCE u s-sussidjarji u l-istabbilimenti tagħha eletti jew maħturin minn fost ir-rappreżentanti ta' l-impjegati, jew, fin-nuqqas tagħhom, mill-korp sħiħ ta' l-impjegati.

(b) L-elezzjoni jew il-ħatra tal-membri tal-korp rappreżentattiv għandha ssir mill-korp negozjatur speċjali skond dak il-metodu li jadotta.

(ċ) Meta d-daqs tiegħu jkun jippermetti, il-korp rappreżentattiv għandu jeleġġi kumitat magħżul minn fost il-membri tiegħu, li jkun fih mhux aktar minn tliet membri.

(d) Il-korp rappreżentattiv għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

(e) Il-membri tal-korp rappreżentattiv huma eletti jew maħturin fi proporzjon ta' l-għadd ta' impjegati mħaddmin f'kull Stat Membru mill-SCE u mis-sussidjarji u l-istabbilimenti tagħha, bl-allokazzjoni fir-rigward ta' Stat Membru ta' siġġu wieħed għal kull porzjon ta' impjegati li jaħdmu f'dak l-Istat Membru li jkun ugwali għal 10%, jew frazzjoni tiegħu, ta' l-għadd ta' impjegati mħaddmin minnhom fl-Istati Membri kollha meħudin flimkien.

(f) L-organu kompetenti ta' l-SCE għandu jkun infurmat bil-kompożizzjoni tal-korp rappreżentattiv.

(g) Mhux aktar tard minn erba' snin mit-twaqqif tiegħu, il-korp rappreżentattiv għandu jeżamina jekk jiftaħx negozjati biex isir il-ftehim imsemmi fir-regolamenti 9 u 11 jew ikomplix japplika r-regoli *standard* adottati skond din l-Iskeda.

2. Regolamenti 7 sa 10 għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, jekk deċiżjoni tkun ittieħdet biex ikun negozjat ftehim skond ir-regolament 9, f'liema każ il-frażi 'korp negozjatur speċjali' għandha tkun sostitwita bil-frażi 'korp rappreżentattiv'. Meta ma jkun intlaħaq ebda ftehim sad-data stabbilita biex jintemmu n-negozjati, l-arranġamenti inizjali adottati skond ir-regoli *standard* għandhom jibqgħu japplikaw.

## Taqsima 2: Regoli *Standard* għal Informazzjoni u Konsultazzjoni

3. Il-kompetenza u s-setgħat tal-korp rappreżentattiv imwaqqaf f'SCE għandhom jitrieġu mir-regoli li ġejjin:-

(a) Il-kompetenza tal-korp rappreżentattiv għandha tkun limitata għal kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-SCE nnifisha u ma' kull sussidjarja jew stabbiliment tagħha sitwati fi Stat Membru ieħor jew li jkunu ogħla mis-setgħat ta' l-organi li jieħdu d-deċiżjonijiet fi Stat Membru wieħed.

(b) Mingħajr preġudizzju għal-laqgħat li jsiru konformement mal-paragrafu (ċ), il-korp rappreżentattiv għandu jkollu d-dritt li jkun infurmat u li jiġi konsultat u, għal dak l-iskop, għandu jiltaqa' ma' l-organu kompetenti ta' l-SCE mill-inqas darba fis-sena, abbażi ta' rapporti regolari kompilati mill-organi kompetenti, fuq il-progress tan-negozju ta' l-SCE u l-prospetti tagħha. L-organi lokali ta' tmexxija jew dawk amministrattivi għandhom ikunu infurmati b'dan.

L-organu kompetenti ta' l-SCE għandu jgħaddi lill-korp rappreżentattiv l-aġenda tal-laqgħat ta' l-organi amministrattiv jew, meta jkun hekk adatt, ta' l-organu tat-tmexxija u sorveljanza, kif ukoll kopja tad-dokumenti kollha ppreżentati fil-laqgħa ġenerali tal-membri tagħha. Il-laqgħa għandha tittratta b'mod partikolari l-istruttura, il-qagħda ekonomika u finanzjarja, l-iżvilupp probabbli tan-negozju u tal-produzzjoni u bejgħ, inizjattivi fir-rigward ta' responsabbiltà soċjali korporattiva, il-qagħda u x-xejra probabbli ta' impjiegi, investimenti, u bidliet sostanzjali li għandhom x'jaqsmu ma' metodi ġodda ta' xogħol jew proċessi ta' produzzjoni, trasferimenti ta' produzzjoni, amalgamazzjonijiet, tnaqqis jew għeluq ta' intrapriżi, stabbilimenti jew partijiet importanti tagħhom, u sensji kollettivi.

(ċ) Meta hemm ċirkustanzi eċċezzjonali li jolqtu l-interessi ta' l-impjegati b'mod sostanzjali, partikolarment fil-każ ta' ri-allokazzjoni, trasferimenti, għeluq ta' stabbilimenti jew intrapriżi jew sensji kollettivi, il-korp rappreżentattiv għandu jkollu d-dritt li jkun infurmat. Il-korp rappreżentattiv jew, meta jiddeċiedi hekk, b'mod partikolari għal raġunijiet ta' urġenza, il-kumitat magħżul, għandhom id-dritt li, wara li jagħmlu talba għaldaqstant, huma jiltaqgħu ma' l-organi kompetenti ta' l-SCE jew ma' xi livell aktar adatt ta' tmexxija fl-SCE li hu nnifsu għandu s-setgħat li jieħu deċiżjoni, biex ikunu infurmati jew ikkonsultati fuq miżuri li jolqtu b'mod sinifikanti l-interessi ta' l-impjegati.

Meta l-organu kompetenti jiddeċiedi li m'għandux jaġixxi skond il-fehma espressa mill-korp rappreżentattiv, dak il-korp għandu d-dritt jagħmel laqgħa oħra ma' l-organu kompetenti ta' l-SCE bl-iskop li jintlaħaq ftehim.

Fil-każ ta' laqgħa organizzata mal-kumitat magħżul, dawk il-membri tal-korp rappreżentattiv li jirrappreżentaw lill-impjegati li jkunu milqutin direttament mill-miżuri in kwistjoni, ikollhom ukoll id-dritt li jipparteċipaw.

Il-laqgħat imsemmija hawn qabel m'għandhomx jolqtu l-prerogattivi ta' l-organu kompetenti.

(d) Il-partijiet preżenti għal-laqgħat ta' informazzjoni u konsultazzjoni għandhom jaqblu fuq kif imexxu l-proċedura waqt l-imsemmija laqgħa u f'każ ta' nuqqas ta' qbil allura l-partijiet għandhom imexxu l-laqgħa alternattivament u jistabbilixxu l-proċedura tagħha.

Qabel kull laqgħa ma' l-organu kompetenti ta' l-SCE, il-korp rappreżentattiv jew kumitat magħżul, li meta jkun meħtieġ jista' jiġi mkabbar skond it-tielet subparagrafu tal-paragrafu (ċ), għandhom ikunu intitolati jiltaqgħu mingħajr il-preżenza tar-rappreżentanti ta' l-organu kompetenti.

(e) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 14, il-membri tal-korp rappreżentattiv għandhom jinfurmaw lir-rappreżentanti ta' l-impjegati ta' l-SCE u tas-sussidjarji u stabbilimenti tagħha bil-kontenut u bir-riżultat tal-proċeduri ta' informazzjoni u konsultazzjoni.

(f) Il-korp rappreżentattiv jew kumitat magħżul jistgħu jkunu megħjunin minn dawk l-esperti li jagħżlu huma.

(g) Safejn dan ikun meħtieġ biex ikunu jistgħu jaqdu xogħolhom sewwa, il-membri tal-korp rappreżentattiv għandhom ikunu intitolati għal ħin frank biex jitħarrġu bla ma jitilfu l-paga.

(h) L-ispejjeż tal-korp rappreżentattiv għandhom jitħallsu mill-SCE, li għandha tipprovdi lill-membri tal-korp ir-riżorsi finanzjarji u materjali meħtieġa biex ikunu jistgħu jaqdu dmirijiethom kif imiss.

B'mod partikolari, l-SCE għandha, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, tħallas l-ispejjeż ta' l-organizzazzjoni tal-laqgħat u l-provvediment ta' faċilitajiet ta' interpretazzjoni u l-ispejjeż ta' akkomodazzjoni u ivvjaġġar tal-membri tal-korp rappreżentattiv u tal-kumitat magħżul. Madankollu l-obbligu ta' l-SCE li tkopri l-ispejjeż ta' xi esperti mqabbdin mill-korp negozjatur speċjali jew mill-korp rappreżentattiv ikun limitat għal dawk ta' espert wieħed biss.

**Taqsima 3: Regoli *Standard* għall-Parteċipazzjoni**

4. Il-parteċipazzjoni ta' l-impjegati fl-SCE għandha tiġi regolata skond id-disposizzjonijiet li ġejjin:

(a) Fil-każ ta' SCE mwaqqfa bi trasformazzjoni, jekk ir-regoli ta' Stat Membru dwar il-parteċipazzjoni ta' l-impjegati fil-korp amministrattiv jew ta' sorveljanza kienu japplikaw qabel ir-reġistrazzjoni, kull aspett ta' parteċipazzjoni ta' l-impjegati għandu jkompli japplika għall-SCE. Il-paragrafu (b) għandu japplika'*mutatis mutandis* għal dak l-iskop.

(b) F'każijiet oħra fejn SCE hija mwaqqfa, l-impjegati ta' l-SCE, is-sussidjarji u stabbilimenti tagħha u/jew il-korpi rappreżentattivi tagħhom għandu jkollhom il-jedd jeleġġu, jaħtru, jirrikkmandaw jew jopponu l-ħatra ta' għadd ta' membri tal-korp amministrattiv jew tal-korp ta' sorveljanza ta' l-SCE ugwali għall-ogħla proporzjon fis-seħħ fl-entitajiet legali parteċipanti involuti qabel ir-reġistrazzjoni ta' l-SCE.

Jekk ebda waħda mill-entitajiet legali parteċipanti ma kienet regolata minn regoli ta' parteċipazzjoni qabel ir-reġistrazzjoni ta' l-SCE, din ta' l-aħħar m'għandhiex tintalab tistabbilixxi disposizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ta' l-impjegati.

Il-korp rappreżentattiv għandu jiddeċiedi l-allokazzjoni ta' siġġijiet fil-korp amministrattiv jew ta' sorveljanza fost il-membri li jirrappreżentaw lill-impjegati mid-diversi Stati Membri jew fuq il-mod kif l-impjegati ta' l-SCE's jistgħu jirrikkmandaw jew jopponu l-ħatra tal-membri ta' dawn il-korpi skond il-proporzjon ta' impjegati ta' l-SCE f'kull Stat Membru. Jekk l-impjegati ta' Stat Membru wieħed jew aktar ma jkunux koperti minn dan il-kriterju proporzjonali, il-korp rappreżentattiv għandu jaħtar membru wieħed minn dawk l-Istati Membri, b'mod partikolari l-Istat Membru ta' l-uffiċċju reġistrat ta' SCE meta dan ikun adatt.

Kull membru tal-korp amministrattiv jew, meta jkun adatt, il-korp ta' sorveljanza ta' l-SCE li jkun ġie elett, maħtur jew rakkomandat mill-korp rappreżentattiv jew, skond iċ-ċirkostanzi, mill-impjegati, għandu jkun membru sħiħ bl-istess drittijiet u obbligi daqs il-membri li jirrappreżentaw lill-membri tal-kooperattivi, inkluż id-dritt li jivvotaw.